

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Imputati \(proċeduri Kriminali\)](#) > 5 - Kontravvenzjonijiet minuri

5 - Kontravvenzjonijiet minuri

Il-kontravvenzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mat-traffiku tat-triq huma stabbiliti fil-kodiċi tat-traffiku, li fih b'mod partikulari dawk il-kontravvenzjonijiet marbuta mal-konsum tal-alkoħol, kontravvenzjonijiet marbuta mal-veloċità u kontravvenzjonijiet marbuta mal-aġir ta' persuna f'każ ta' inċident.

X'inhuma l-kontravvenzjonijiet marbuta mal-konsum tal-alkoħol?

Trid issir distinzjoni bejn il-livelli tal-alkoħol. L-ewwel livell li minnu l-konsum tal-alkoħol jsir att li jista' jiġi kkastigat huwa meta jkun hemm 0.5 grammi ta' alkoħol għal kull litru demm. Minn dan l-ammont 'il fuq il-kwistjoni taqa' taħt il-qorti tal-pulizija (kontravvenzjoni serja) u tibqa' taqa' taħtha sal-livell li jibda minn 1.2 grammi alkoħol għal kull litru demm, li mbagħad taqa' taħt il-qorti kriminali (reat).

Il-liġi tipprovdi wkoll għall-każijiet meta jkun hemm sinjali fid-dieher ta' sakra. Fil-fatt, jekk ikollok ammont ta' alkoħol inqas minn 0.5 grammi alkoħol għal kull litru demm, iżda turi sinjali ċari li tinsab fis-sakra, tiġi ttrattat daqslikieku għandek minimu ta' 0.5 grammi alkoħol għal kull litru demm. Bl-istess mod, fil-każ illi jkollok ammont ta' bejn 0.5 u 1.2 grammi alkoħol għal kull litru demm, iżda bħala sewwieq turi sinjali ċari ta' sakra, it-trattament ikun daqslikieku għandek minn tal-inqas 1.2 grammi alkoħol għal kull litru demm.

X'penali tista' teħel?

Inti tista' teħel dawn il-penali: priġunerija, multa, teħid tal-liċenzja (temporanjament, definittivament, irtirar immedjat) jew konfiska. Il-pieni jvarjaw skont il-gravità tal-ksur.

Liema huma l-kontravvenzjonijiet marbuta mal-veloċità?

Il-kontravvenzjonijiet tal-veloċità huma tlieta:

Il-kontravvenzjoni sempliċi

Din tiġbor kull aġir li ma jaqa' taħt ebda kategorija oħra. Il-piena għal kontravvenzjoni sempliċi tkun il-ħlas ta' twissija ta' multa u l-istorja tieqaf hemm.

Il-kontravvenzjoni serja

Il-piena tkun multa (bejn EUR 25 u 500).

Ir-reat ta' veloċità eċċessiva (jingħata biss f'każ ta' reċidiv li jkun diġà wettaq kontravvenzjoni serja)

Il-piena hija multa (bejn EUR 500 u 10,000) u sentenza ta' ħabs (bejn 8 ijiem u 3 snin) jew waħda minn dawn il-pieni.

Għal iżjed informazzjoni dwar il-limiti relatati mal-eċċess tal-veloċità u l-kategorizzazzjoni tagħhom skont il-gravità ikkonsulta mal-[Ministeru tat-Trasport](#).

X'inhu l-ksur marbut mal-aġir f'każ ta' inċident?

Ir-reat ta' ħarba

F'każ ta' inċident (irrelevanti min-natura jew il-gravità tal-ħsara) inti obligat tibqa' fuq il-post tal-inċident sa ma

tinġabar l-informazzjoni kollha. Jekk tonqos milli tagħmel dan tkun qed twettaq reat ta' ħarba.

F'każ ta' reat ta' ħarba tista' teħel il-ħabs, multa u projbizzjoni milli ssuq.

In-nuqqas ta' għajjnuna lil nies f'periklu

In-nuqqas ta' għajjnuna lil persuna li tkun tinsab f'periklu jipi kkastigat jekk, f'każ illi l-għajjnuna ma tkunx ta' periklu għalik innifsek jew għal ħaddieħor, inti volontarjament ma tgħinx, jew ma tfittixx għajjnuna għall-persuna li tkun tinsab esposta għal periklu serju, sew jekk is-sitwazzjoni ta' dik il-persuna tkun rajtha inti stess u sew jekk is-sitwazzjoni tkun ġiet deskritta lilek minn dawk li jkunu qed jitolbu l-għajjnuna tiegħek.

F'każ ta' nuqqas ta' għajjnuna lil persuna f'periklu, inti tista' teħel piena ta' priġunerija ta' bejn tmint ijiem u ħames snin u multa ta' bejn EUR 251 u 10,000, jew waħda minn dawn il-pieni.

Ferimenti involontarji fuq il-persuna u omiċidju involontarju.

Quddiem il-qorti l-każ jiġi meqjus bħala każ għalih u mhux marbut mat-traffiku.

Links relatati

[Dipartiment tat-trasport, veloċità eċċessiva](#)

[Żviluppi ġodda fil-qasam tat-traffiku tat-triq](#)

■ L-aħħar aġġornament: 27/02/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.